Reġjun Għawdex

Laqgħa Nru 52/2015

**Minuti tat-tnejn u ħamsin laqgħa tal-Kumitat Reġjonali Għawdex li saret fis-Sala tal-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria nhar it-Tnejn 31 ta' Awwissu 2015 fis-6.30 p.m.**

Il-Laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| *Kunsill Lokali* | *Rappreżentant* | *Parteċipazzjoni* | *Membru Sostitut* | *Parteċipazzjoni* |
|---|---|---|---|---|
| Fontana | Sur Saviour Borg | Preżenti | Sur Victor Cefai | - |
| Għajnsielem | Sur Franco Ciangura | Assenti | Sur Kevin Cauchi | Assenti |
| Għarb | Sur David Apap Agius | Preżenti | Srna Carmen Vella | - |
| Għasri | Dr Daniel Attard | Skużat | Sur Emanuel Mintoff | Skużat |
| Ta' Kercem | Sur Mario Azzopardi | Preżenti | Sur Paul Mizzi | - |
| Il-Munxar | Sra Carmena Said | Skużata | Sur Robert Mallia | Skużat |
| In-Nadur | Sur Edward Said | Preżenti | Sur Eucharist Camilleri | - |
| Il-Qala | Perit Clint Camilleri | Assenti | Sur Jesmond Borg | Assenti |
| Rabat Citta' Victoria | Dr Samuel Azzopardi (President) | Preżenti | Sur Josef Schembri | - |
| San Lawrenz | Sur Noel Formosa (Viċi-President) | Preżenti | Sur Anthony Formosa | - |
| Ta' Sannat | Sur Philip Vella | Assenti | Sra Frances Galea | Assenti |
| Ix-Xagħra | Sur Joseph Cordina | Skużat | Sur Aaron Agius | Indispost |
| Ix-Xewkija | Sur Paul Azzopardi | Preżenti | Sur Domenic Zerafa | - |
| Iż-Żebbuġ | Sur Nicky Saliba | Preżenti | Mr Daniel Cordina | - |
| Segretarju Eżekuttiv | Sur George Refalo | Preżenti | - | - |

Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat – Għawdex VCT 1020
TEL: 21561653 FAX: 21563355

## Qari, konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti

Intqalgħet it-talba tal-bidu. Inqraw il-minuti tal-51 Laqgħa u ġew approvati unanimanent.

## Terminazzjoni tal-Kuntratt tal-Authorised Officer Nru: RGĦ 1/2012

Il-President Dr Samuel Azzopardi fetaħ il-laqgħa billi informa lir-Reġjun li minħabba l-urġenza tal-każ, l-Aġenda kellha tiġi sospiża temporanjament sakemm tiġi diskussa l-ordni li kienet inħarrġet dakinhar stess filgħodu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li kienet tordna t-terminazzjoni ħesrem tal-Kuntratt tal-Authorised Officer li kien intrebaħ wara sejħa pubblika mill-Kumpanija *Toad Management Services Limited* f'Awwissu 2012 u li kien għadu fis-seħħ u saħansitra kien jonqos sentejn (2) sabiex jiskadi dan l-Kuntratt. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv intalab jaqra l-Komunikat Uffiċċjali kif mibgħut mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali, il-President Dr Samuel Azzopardi, ta spjega ta' kif minħabba t-twaqqif tal-Aġenzija tal-Infurzar Lokali magħrufa bħala LESA, il-kuntratti relatati mat-tħaddim tas-sistema tal-Infurzar li r-Reġjun għandu ma' kumpaniji privati, kellhom jiġu mibdula jew arranġati sabiex jiġu delegati u assorbiti minn din l-Aġenzija l-ġdida.

Id-diskussjoni tkompliet billi l-membri qajmu ħafna preokkupazzjonijiet li għandhom dwar it-tħaddim u l-operat ta' din l-Aġenzija l-ġdida b'mod speċjali fuq kif ser jiġu rifonduti l-ħlasijiet li l-Kunsilli Lokali kienu oriġinarjament sellfu lill-Kumitat Konġunt li ssa ser jispiċċa, kif ukoll dwar jekk id-dejn akkumulat li għandu r-Reġjun hux ser jitħallas mill-Aġenzija l-ġdida jew mir-Reġjun peress li kif kien spjegat fil-komunikat imsemmi aktar qabel, id-dħul li ser jkun hemm sal-1 ta' Ottubru 2015 kien ser jibqa' jappartjeni lir-Reġjun Għawdex.

Il-President filwaqt li serraħ moħħ kulħadd li d-dejn tar-Reġjun mhux ser jaghmlu għalih tajjeb il-Kunsilli Lokali Għawdxin, irrimarka li għadu prematur li wieħed jifhem sew kif ser topera din l-Aġenzija u li jippretendi li matul ix-xahar ta' Settembru jsiru numru ta' laqgħat sabiex jispjegaw minn ser iħallas l-*invoices* pendenti relatati mas-sistema tal-Infurzar Lokali u kif fil-każ tar-Reġjun Għawdex kienu ser jitħallsu l-*invoices* pendenti li għalihom ir-Reġjun ma' ghandux biżżejjed fondi.

Għalhekk, ir-Kumitat Reġjonali Għawdex in konjizzjoni ta' dan kollu, ordna lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex ma jinħareġ l-ebda pagament in konnessjoni mas-sistema tal-Infurzar Lokali sakemm ikunu spjegati u ċċarati dawn id-dubji kollha li jikkonċernaw primarjament il-fondi u d-dejn tar-Reġjun Għawdex li huma kawża tan-nuqqasijiet tas-sistema tal-infurzar Lokali li r-Reġjun ma kellux kontroll fuqhom u mhux minħabba deċiżjonijiet ħżiena li ħa r-Reġjun fil-passat.

B'konnessjoni mal-każ li kien qiegħed jiġi trattat, is-Segretarju Eżekuttiv informa lir-Reġjun li irċieva *Invoice* li tikkonċerna xiri ta' apparat elettroniku għall-kompjuters tat-Tribunal li kienu ġew ordnati mill-kumpanija *Toad Management Services Ltd.*, sabiex ir-Reġjun jiddeċiedi jekk għandhomx jitħallsu jew le fid-dawl taċ-ċirkustanzi kif żviluppaw. Ir-Reġjun iddeciedi li galadarba l-ammont hu wieħed frivolu, il-pagament għandu jsir mir-Reġjun, biss l-apparat għandu jibqa' t-Tribunal u mhux jittieħed mill-kumpanija TOAD mat-terminu tal-kuntratt.

Wara din d-diskussjoni kif ukoll wara li ġiet formulata l-ittra ta' terminazzjoni tal-Kuntratt tal-Authorised Officer, is-Segretarju Eżekuttiv informa lir-Reġjun li s-Sur David Soler f'isem il-kumpanija Toad Management Services Limited kien jinsab fis-sala ta' barra u għalhekk għandu jissejjaħ sabiex jiġi komunikat lilu din l-aħbar b'mod uffiċċjali.

Wara li s-Sur Soler ġie imsejjaħ jattendi l-Laqgħa tar-Reġjun mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur George Refalo, il-President beda d-diskors tiegħu billi mill-qalb irringrazzja l-ewwelnett lis-Sur Soler tal-ħidma assidwa tiegħu kemm fi ħdan il-Kumitat Konġunt kif ukoll mar-Reġjun Għawdex sa mit-twaqqif tiegħu kif ukoll lill-Kumpanija tiegħu Toad Management Services Limited tal-ħidma eċċellenti li bija dejjem ħadmet u onorat il-kuntratt li kellha mar-Reġjun Għawdex li kien qiegħed jiġi terminat illum mhux minħabba xi nuqqasijiet min-naħa tal-Kumpanija imma minħabba struzzjonijiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-Sur David Soler filwaqt li rringrazzja lill-membri kollha tar-Reġjun Għawdex għall-mod straordinarju kif dejjem trattaw, imxew u ħadmu miegħu aċċetta l-ttra offruta lilu mill-President tar-Reġjun Għawdex Dr Samuel Azzopardi u ffirmaha fil-preżenza tal-membri preżenti u għaddiha lura lill-President.

Wara dak il-mument pjuttost kommoventi għax ma kienx previst, kif ukoll wara li saru xi ringrazzjamenti personali mill-bqija tal-membri preżenti li ħadmu mas-Sur Soler mit-twaqqif tal-Kumitat Konġunt u tar-Reġjun Għawdex, is-Sur Soler intalab jabbanduna s-Sala sabiex il-laqgħa tkun tista' tkompli skont l-Aġenda.

## Punti imqajjma mill-Minuti

Wara li s-sitwazzjoni fis-sala reġgħet stabbilit ruħha għan-normal, il-laqgħa tkompliet billi l-membri intalbu iqajjmu xi punti mill-Minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu għadhom kif inqraw sabiex tkompli d-diskussjoni dwarhom. Peress li mill-Aġenda kien deher li ħafna mill-punti li kienu ġew diskussi fil-laqgħa preċedenti kienu ser jerġgħu jiġu diskussi f'aktar dettall matul din il-laqgħa u għalhekk il-laqgħa setgħet titkompla skont l-Aġenda, is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li l-uniku informazzjoni ġdida li kien hemm kienet biss li l-tirrigwarda l-membri sostituti kollha tar-Reġjun li kienu ġew maħtura mill-Kunsilli Lokali rispettivi u li bl-eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali Qala li ħatar kunsillier sabiex jissostitwixxi lis-Sindku fl-assenza tiegħu għal-laqgħat tar-Reġjun, kienu intażgħlu l-Viċi Sindki kollha ta' kull Kunsill Lokali li hawn f'Għawdex; kif ukoll li r-Reġjun baqa' sfortunatament ma rċieva l-ebda risposta jew saħansitra *acknowledgement letter* għall-ittra mibgħuta lill-Ministru għal Għawdex kif mitluba mir-Reġjun fil-laqgħa preċedenti li tikkonċerna il-Proposta ta' Proġetti tal-Kunsilli Lokali ko-finanzjati mill-Ministeru għal Għawdex: kif ukoll bl-aħbar b'rabta mat-talba li r-Reġjun Għawdex kien għamel lill-Kummissarju tal-Artijiet rigward il-possibiltà li jinstabu *premises* adegwati li jistgħu iservu ta' Uffiċċju tar-Reġjun, fejn infurmahom li kienet ser issir laqgħa apposta mal-Kummissarju tal-Artijiet nhar l-ewwel (1) ta' Ottubru 2015 ġewwa l-uffiċċju tagħhom li jinsab ġewwa l-bini tal-Ministeru għal Għawdex, fi Pjazza San Franġisk.

## *Street Lighting Devolution Agreement*

Il-laqgħa tkompliet skont l-Aġenda maqbula u għalhekk il-President Dr Samuel Azzopardi informa lir-Reġjun li t-taħdidiet dwar l-i*Street Lighting Devolution* li kien ilhom għaddejjin għal dawn l-aħħar sentejn fl-aħħar laħħqu l-iskop tagħhom tant li l-kuntratt jinsab għand ir-Reġjun sabiex kemm-il darba ma hemm l-ebda oġġezzjoni, jiġi ffirmat f'isem ir-Reġjun Għawdex mill-President tar-Reġjun u s-Segretarju Eżekuttiv waqt din il-laqgħa.

Wara diskussjoni interesanti fejn il-President indirizza l-preokkupazzjonijiet imqajjma min-numru ta' membri fil-laqgħa preċedenti, u li jidher li ġew sorvolati peress illi rigward l-*issue* tal-*Insurance*, ir-Reġjun ser jintalab jindaħal għalija tlett (3) snin oħra; fil-waqt li l-inventarju ser jgħaddi għand ir-Reġjun wara li dan ikun lest min-naħa tal-EneMalta; kif ukoll li l-konsum tal-i*Street Lighting* ser jibqa' jitħallas mill-EneMalta, ir-Reġjun qabel li l-kuntratt għandu jiġi iffirmat u konkluż.

Wara li ġie moqri l-kuntratt u spjegat l-ammonti li r-Reġjun kien ser jibda jingħata ta' kull sena kif ukoll spjegat kif dawn huma suġġett għal awment dovut skont ir-reviżjoni li ser tibda ssir ta' kull sena bi qbil bejn il-partijiet kollha flimkien mar-Reġjun , il-kuntratt ġie iffirmat fil-preżenza tal-membri preżenti.

Wara l-iffirmar numru ta' membri talbu sabiex iressqu xi ilmenti li diġa qegħdin jiffaċċjaw kawża ta' dan id-dwal il-ġdid LED li qiegħed jiġi installat flok dak SON. Wara diskussjoni pjuttost twila, ġie deċiż li dawk l-ilmenti li jikkonċernaw lill-Kuntrattur responsabbli mill-bdil ta' bozoz, jiġu komunikati lilu sabiex jiġu evitati inkonvenjenzi bla bżonn.

## Approvazzjoni tal-Audited Accounts għas-sena 2014

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Audited Report* u l-*Financial Statements* għas-sena 2014 li kienu ġew approvati mir-Reġjun fil-Laqgħa Nru 50 u li issa jinħtieġ li jiġu approvati mill-ġdid wara li kienu għadhom kif ġew awditjati mill-Kumpanija Spiteri Bailey & Co.

Wara diskussjoni rigward id-dejn li r-Reġjun qiegħed ta' kull sena jsoffri u li wieħed għadu jrid jara kif ser jirrisolvi ruħu bl-introduzzjoni tal-Aġenzija tal-Infurza Lokali l-ġdida, il-membri approvaw l-*Audited Accounts* filwaqt li stiednu lill-President u lis-Segretarju sabiex jiffirmawhom fil-preżenza tal-membri preżenti.

**Il-Futur tas-*Surveillance Camera* ta' Pjazza San Franġisk, ir-Rabat Għawdex**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-membri preżenti kif kmieni dan ix-xahar hu kien bagħat korrispondenza lill-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria fejn talbu jevalwa s-sitwazzjoni fi Pjazza San Franġisk kemm ilha sospiża s-*Surveillance Camera*, kif ukoll sabiex jirraporta lir-Reġjun jekk din l-camera għandhiex tibqa' sospiża jew jekk għandhiex terġa' tibda topera mill-ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria kif komunikata lilu kienet li s-*Surveillance Camera* ta' Pjazza San Franġisk għandha tibqa' sospiża.

Wara li ġiet diskussa din id-deċiżjoni għall-benefiċċju ta' kull min kien preżenti, fejn issemma' il-punt mis-Segretarju Eżekuttiv li għalkemm din il-camera hi sospiża r-Reġjun qiegħed jintalab jħallas mill-Kumpanija *Guard & Warden Service House Ltd* il-kirja ta' €3 kull ġurnata, il-Kumitat Reġjonali Għawdex kien tal-fehma li sakemm titwaqqaf l-Aġenzija u tibda' topera, is-*Surveillance Camera* in kwistjoni għandha tibqa' sospiża u li deċiżjoni definita tittieħed aktar tard wara li tkun stabbilit l-operat tagħha din l-Aġenzija l-ġdida.

Għalhekk, il-Kumitat Reġjonali Għawdex talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma b'din d-deċiżżjoni kemm lill-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria, kif ukoll lill-kumpanija *The Guard & Warden Service House Ltd.*, lill-Kummissarju tal-Pulizija u kkuppjat is-Supraintendent tad-Distrett ta' Għawdex, lis-*Senior Manager* ta' Transport Malta, u lit-Tribunal Reġjun Għawdex.

Wara li ntemmet din id-diskussjoni, il-Viċi-President talab li jiġi skużat mil-laqgħa minħabba impenji oħra.

Biss id-diskussjoni b'konnessjoni mal-każ tas-*surveillance camera* ta' Pjazza San Franġisk tkompliet minħabba l-fatt li l-membru David Apap Agius informa lir-Reġjun li l-Kunsill Lokali Għarb għandu numru ta' *cameras* simili li kienu ġew installati fuq deċiżjoni tal-istess Kunsill, u li xtaq li jiġu ingaġġati fis-sistema tal-Infurzar Lokali sabiex dawn ma jibqgħux jinħarrġu biss avviz imma jibdew jinħarrġu ċitazzjonijiet u li jkun ifisser aktar introjtu għar-Reġjun ġaladarba l-*camera* ta' Pjazza San Franġisk hi sospiża.

Il-President Dr Samuel Azzopardi filwaqt li fakkar lis-Sur David Apap Agius li dan mhux konformi mal-modalità tal-Laqgħa tar-Reġjun fejn il-membri huma mitluba li jiddiskutu biss l-*issues* imressqa fir-Reġjun fil-kapaċità tagħhom ta' membri tal-Kumitat Reġjonali Għawdex u mhux fil-kapaċità tagħhom ta' Sindki tal-Lokalità partikulari li huma jirrappreżentaw, informa lis-Sur David Apap Agius sabiex din it-talba titressaq bil-miktub lir-Reġjun sabiex tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. Il-President fakkar ukoll lis-Sur David Apap Agius li bl-intorduzzjoni tal-Aġenzija tal-Infurzar Lokali ċertu deċiżjonijiet kif s'issa kienu jittieħdu jistgħu jinbiddlu peress li kif ser topera din l-Aġenzija għadu pjuttost misterjuż u li jista' jinbidel.

Meta s-Sur David Apap Agius spjega kif hu qajjem dan il-punt minħabba s-sempliċi fatt li hu xtaq ikun jaf biss kif ir-Reġjun kien jaħsibha qabel ma' l-Kunsill Lokali Għarb iressaq it-talba tiegħu b'mod formali lir-Reġjun jew lill-Aġenzija għax finalment id-deċiżjoni tar-Reġjun ser tkun dik finali, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li r-Reġjun mhux f'pożizzjoni li jieħu deċizjonijiet li jirrikjedu vot peress li ma kienx hemm *quorum*.

**Materji Oħra**

Għalhekk, minħabba l-fatt li l-laqgħa ma setgħetx titkompla għax ma kienx hemm *quorum*, il-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m. u ġiet aġġornata *sine die*.

Dr. Samuel Azzopardi
President

George Refalo
Segretarju Eżekuttiv